MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 75/2007

Il-Pulizija
(Spt. P. Grech)
Vs
Roderick Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'Santa Lucia nhar il-15 ta' Gunju, 2005 :

(a) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
(b) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti

oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.
(c) fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajat u glied.
(d) fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjali tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirithom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi
(e) talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr C. Peralta LL.D nhar it-30 ta' Ottubru, 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 17, 96, u 338 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontrieh u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt xhur li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi ssibu hati tal-kontravenzjonijiet ta' l-istorbju u l-kliem oxxen, tirrevoka dwar il-kundanna taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali w tiddikjara illi l-akkuza ta' nuqqas ta' obbidjenza lejn l-ordni legittima tal-Pulizija huwa kompriz fl-ewwel reat, kemm-il darba din il-Qorti taccetta s-sottomissjoni illi l-fatt illi gara kien jinkwadra taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali w minflok il-piena inflitta taghti wahda ohra li taghmel ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant – fil-qosor – huma s-segwenti wcioe'li l-fattiu kif esposti fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ma jammontawx ghal attacco u resistenza fl-esekuzzjoni tal-ligi ghaliex kif gie ritenutdiversi drabi , il-fatt li wiehed majoqghodx kwiet meta jkkun qed jigi

arrestat ma jfissirx li qed jikkommetti dart-0reat. Irid ikun hemm il-frustrazzjoni tal-ligi u l-esekuzzjoni tal-ordni . F' dan il-kaz kellu jintwera l-warrant bil-mitub biex ikun hemm l-esekuzzjoni tal-0ligi. Se mai f' dan il-kaz kellu jirrizulta r-reat minuri that l-artikolu 95. Il-fatt li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija huwa komprizu involutfir-reati fuq msemmija.Il-kontravvenzjonijiet msemmija graw gewwa u ghalhekk ma hemmx il-ksur tal-paci pubblika bl-ghajjat uglied, ghaliex il-pacipubblika jrid ikun hemmil-ksur taghha barra. Dwar il-kontravvenzjonijiet l-ohra ma hemmx kontestazzjoni. Il-piena fic-cirkostanzi kienet gravuza anki meta wiehed iqis lil-appellant ghandu disabilitajiet u mard kif jista' jigi konstatat de visu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li kienu in voluti f' dan l-incident u senjatament mix-xiehda ta' **WPS 45 Marisa Bartolo, PS 1044 Gordon Calleja , PS 576 John Mary Cefai, PC 434 Peter Sammut** u **PC 1348 Joseph Campbell** huwa assodat li fil-15 ta' Gunju, 2005, ghall-habta tas-1.15 pm. WPS Bartolo u tlitt ufficjali ohra tal-Pulizija marru biex jesegwixxu *search warrant* kontra certu Joseph Farrugia, fid-dar fejn dan jghix ma ommu w mall-appellant li jigi huh. Dawn it-tlitt persuni gew intercettati mill-Pulizija hekk kif kienu ser jirrinkazaw flimkien ma tfajla li kienet fil-kumpanija taghhom. Jidher li meta l-appellant sar jaf li l-Pulizija riedu ifittxu gewwa d-dar, hu sar verbalment abuziv u ma riedx li dan isir. Meta gie muri l-Warrant tal-Magistrat qal lu hu ma jimpurtahx mill-mandat tal-Magistrat (ewfemizmu ta' din il-Qorti) u ha atteggjament aggressiv fil-konfront tas-Surgent Bartolo wipprova ihebb ghaliha u jatiha daqqa ta' ponn (Fols. 20 u 31). Malli PS Calleja ra dan, hu hataf lill-appellant minn

wara biex ma jkomplix jaggredixxi lis-Surgent Bartolo u dak il-hin l-appellant ipprova jigdem lil PS Calleja, li kien qed izommu minn ghonqu. Fetah halqu biex jigdmu imma ma irmexxilux ghax is-Surgent qala idejh u hatfu b’ idu l-ohra u malli ghamel hekk l-appellant ipprova jigdimlu idu l-ohra imma ma irmexxilux. It-tlitt min-nies l-ohra ma kienux aggressivi. L-appellant kien ukoll beda jkellem hazin lil Pulizija, joffendihom, u jghid li din l-affari ma kienetx ser tieqaf hawn u li ha jpattihielhom u li huma *“bastards*” ghax jaqbdu mieghu w ma riedx jirraguna. Kien hawn li l-Pulizija iddecidew li jarrestaw lill-appellant u hu beda jirrezisti l-arrest, tant li meta iddahhal fil-karozza tal-pulizija, beda jaghti bis-sieq tant li anki tilef zarbuna.

**L-appellant** fl-istqarrija tieghu irrifjuta li jwiegeb ghall-bicca l-kbira tad-domandi li sarulu izda spicca biex qal li hu beda jidghi, jghajjat u jissielet biex ma jarrestawhx ghax riedu jarrestawh bil-fors. Qal li beda jaghti bis-sieq fil-karozza tal-Pulizija fuq il-gewwa tal-bieba ghax kellu l-manetta ssikkata u li ma obdiex il-Pulizija ghax gabruh ghal xejn. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant xehed li l-Pulizija kienu qalulu biex jimxi maghhom imma ma tawhx dettalji. Il-Pulizija kienu indirizzaw lilu u lil huh. Ma rahomx juru karti lil huh. Hu sema lil Pulizija jghidulhom li riedu jaghmlu tfittxija god-dar taghhom imma ma wrewhx il-ktieb. Hu ma kien ghamel xejn meta qalulhom hekk. Il-Pulizija minnufieh kien qalulu biex imur maghhom u li meta ma riedx imur qabdu jaghtuh bla ma kellmuh xejn. Kien hemm sebgha Pulizija li qabdu jaghtuh. Hu rrezista ghax kienu ser johduh id-Depot.

**Mary Farrugia**, omm l-appellant li ghazlet li tixhed bhala xhud tal-Prosekuzzjoni, qalet li l-Pulizija kienu sawwtu lill-binha u dak *handicapped* u mhux suppost isawwtuh. Kienu waqqfuhom il-Pulizija w lill-appellant qalulu: *“Trid tigi maghna.”* U dan ma kellu affarijiet ta’ xejn. Qatt ma dahal il-habs igifieri w lanqas Qorti. Hu qalilhom: *“Ma rridx nigi”* u l-Pulizija qabdu jaghtuh. Qabduh minn sidru anki gol-karozza tghidx kemm tawh. Kienu ghoxrin b’ kollox ghax anki tal-SAG kienu hemm. Lill-appellant hi ma ratu jaghmel xejn. *“Mela dak ser jilhaq ma dawk il-Pulizija kollha? …Naqra ta’ tifel.”* Il-Pulizija rathom jimbuttawh

ghal gol-karozza ghax hu ma riedx jidhol u tefghuh gol-karozza hekk bl-addocc. Ma tafx x' kellhom f'idejhom il-Pulizija.

Din il-Qorti tara li bhala apprezzament ta' fatt taqbel ma l-ewwel Qorti li l-versjoni moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija hija ferm aktar attendibbli minn dik moghtija mill-appellant u ommu li ghamlu minn kollox biex jaghtu l-impressjoni li l-appellant gie kwazi aggredit mill-Pulizija ghal xejn b' xejn u li hu f' ebda hin ma ghamel xi haga li setghet iggieghel lil Pulizija biex jimxu mieghu kif imxew.

Ikkonsidrat,

Illi ghalhekk bhala fatti l-istampa li temergi hi li meta l-appellant sar jaf li l-Pulizija kien behsiebhom jaghmlu s-*search* fid-dar taghhom, sar aggressiv verbalment, b' ingurji, theddid, kliem hazin u dagha u anki kien ser ihebb - ghalkemm ma jidhirx li lahaq ghamel dan - kontra WPS Bartolo, ghax hatfu minn wara PS Calleja. Peress li mbaghad ipprova jigdem lil PS Calleja darbtejn, il-Pulizija ddecidiet li tarrestah u titfghu fil-karozza u hu dak il-hin irrezista l-arrest.

Ghalhekk kien hemm zewg stadji f' dan l-incident. Fl-ewwel fazi tal-incident ma jidhirx li kien hemm l-elementi mehtiega biex jirrizulta r-reat ta' attakk u rezistenza kontemplat fl-artikolu 96. Kien hemm biss *verbal abuse* konsistenti f' ingurji, theddid u kliem hazin kontra l-ufficjali tal-Pulizija inkarikati minn servizz pubbliku intizi biex ibezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz li f' dan il-kaz kien jikkonsisti f' *search* fid-dar tal-appellant u ohrajn.

Fit-tieni stadju, meta hu gie mizmum mill-Pulizija PS Calleja li pprova jirrestringieh billi qabdu minn wara biex ma jhallihx ihebb ghal WPS Bartolo, indubbjament hu irrezista billi pprova ghal darba, darbtejn jigdem l-id li kienet qed tirrestringieh u meta allura l-Pulizija ddecidew li jarrestawh, irrezista l-arrest b' forza attiva w baqa'

jirrezisti anki wara li ddahhal bil-forza fil-car tal-Pulizija, kif del resto jammetti hu stess li ghamel  fix-xhieda tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi l-abbli difensur fit-trattazzjoni orali tieghu quddiem din il-Qorti ghamel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fil-kawza **"Il-Pulizija vs. James Demanuele**" [16.11.2006], pero' l-fattispecji ta' dak il-kaz huma differenti minn dawk ta' din il-kawza. Fil-kaz ta' Demanuele kull ma gara kienet aggressjoni verbali konsistenti f' theddid u ingurji da parti tal-appellant imma fl-ebda hin ma kien hemm xi aggressjoni, rezistenza fizika jew addirittura attakk fuq il-membri tal-Korp. Kull ma kien ghamel kien li "he *gave his captors the slip"* billi qalilhom li ser imur igib is-sgarretti w minnflok telaq jigri w harab ghal gol-eghlieqi.

Dan il-kaz hu *toto coelo* differenti ghax wara l-istadju inizjali ta' aggressjoni verbali, l-appellant ghadda ghat-tieni stadju ta' forza attiva kemm kontra PS Calleja - li kellu kull dritt kif ukoll l-obbligu li jirrestringieh meta rah ser ihebb ghal WPS Bartolo - kif ukoll kontra l-membri l-ohra tal-korp li umbaghad gew jghinuh biex jarresta lill-istess appellant u jdahhluh fil-car.

Illi kif jghid Il-**Prof. Sir A. Mamo** *"Notes on Criminal Law*" (Vol.II- 1955 edit. p. 55 et seq.) biex jissusisti dan ir-reat kontemplat fl-art.96 tal-Kodici Kriminali jehtieg li tkun tirrizulta l-"*active force"* ossia l-*"via di fatto*". Il-mera dizubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni legittimu tal-awtorita' ma humiex bizzejjed biex jkun hemm dar-reat. Hemm bzonn li l-insubordinazzjoni tasal sal-grad li tiffrustra jew tfixkel l-esekuzzjoni tal-ligi billi topponi l-azzjoni ta' dawk inkarikati mill-esekuzzjoni tal-ligi. Hu minnu ukoll li l-istess awtur jghid :-

"If, therefore a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime….The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or by

freeing himself from their hands, <u>without however, using any violence whatsoever.</u> The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty." *(sottolinejar ta' din il-Qorti)*

Pero' f' dan il-kaz l-appellant uza forza attiva biex ifixkel lill-ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti milli jghaddu ghall-esekuzzjoni ta' *search warrant* fid-dar tal-appellant mahrug kontra huh li ukoll kien jghix hemm. Il-fatt li dan il-*warrant* ma giex esebit f' dan il-process ma jnaqqasx mill-htija tal-appellant. Irrizulta pero li dan il-*warrant* kien intwera lill-appellant meta staqsa ghalih u hu rah ghalkemm hemm dubju jekk qrahx ghax WPS Bartolo xehdet li bezghet li ser jaghmlu trietaq jekk jigi f' idejn l-appellant fl-istat li kien. Meta umbaghad kien ser ihebb ghal WPS Bartolo, irrezista attivament lil PS Calleja li mar-kif kellu kull dritt u obbligu li jmur jippercediha - w baqa' jirrezisti attivament lill-ufficjali kollha tal-Pulizija prezenti u dawk li issejjhu bhala rinforz fuq il-post biex l-appellant ikun jista' jigi arrestat u imdahhal fil-karozza tal-pulizija. Meta finalment iddahhal hemm, ukoll ma qaghadx bi kwietu w beda' jaghti bis-sieq fuq il-bieba tal-karozza minn gewwa. Ghalhekk dan ma kienx kaz ta' persuna li ippruvat tehles mill-arrest <u>*"without using any violence whatsoever*"</u> kif kien il-kaz ta' **Demanuele.**

Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant qed jigi respint kif qed jigi respint l-aggravju li ma giex esebit il-search warrant billi jirrizulta aliunde li l-ufficjali koncernati kienu qed imexxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi. F' kull kaz PS Calleja zgur li kien qed imexxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi meta intervjena biex jittronka reat li kien qed jara li ser jigi kommess quddiemu stess "in flagrante" u kien dak il-hin li l-agir tal-appellant minn wiehed li jirrientra fl-ambitu tal-artikolu 95, ittrasforma ruhu f' agir ta' vjolenza attiva li hija l-bazi ta' attakk u rezistenza kontemplat fl-art. 96 tal-Kodici Kriminali. Baqa' hekk ukoll tul l-isforzi li komplew jaghmlu l-pulizija biex idahhlu lill-appellant fil-police car.

It-tieni aggravju li r-reat li ma obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija huwa kompriz u involut fir-reat kontemplat taht l-

ewwel imputazzjoni hu gustifikat u qed jigi milqugh, ghalkemm, trattandosi ta’ piena wahda komplessiva, dan mhux necessarjament ser jeffettwa l-piena .

It-tielet aggravju mhux gustifikat ghaliex kollox jindika li din it-tussle b’ ghajjat, insulti, kliem hazin u dagha grat kollha fuq il-banikina u qabel ma l-Pulizija dahlu gewwa, anzi jidher li l-iskop taghha kien proprjru biex timpedixxi lill-Pulizija milli tikseb access ghal god-dar fejn kien joqghod l-appellant. Ghalhekk qed jigi respint ghalkemm dar-reat ukoll ghal fini tal-piena ghandu jigi assorbit fir-reat dedott taht l-ewwel imputazzjoni skond l-art. 17 (h) tal-Kodici Kriminali.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-artikolu 96 (a) il-piena hija dik ta’ prigunerija bejn erba xhur u sena. Inoltre din il-piena setghet fakoltattivament ukoll tizdied bi grad wiehed stante li jirrizulta inkontestat l-addebitu tar-recidiva kontenut fil-hames imputazzjoni. Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet liberament f’ dan il-kaz erogat piena bejn hames xhur sa tmintax il-xahar prigunerija. Ergo il-piena erogata hija ferm vicin il-minimu ta’ dik erogabbli biz-zieda fil-piena minhabba r-recidiva.

Inoltre ghalkemm mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu s’ issa kellu biss kundanna wahda, din kienet tikkomprendi dikjarazzjoni ta’ htija tar-reati ta’ nuqqas ta’ ubbidjenza tal-ordni tal-Pulizija, li rrezista l-arrest u li pprova jingurja lill-xi ufficjali tal-Pulizija billi rragga maghhom bl-idejn jew b’ mod iehor ipprova jfixkilhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom. Ghalhekk din hija t-tieni darba li l-appellant sab ruhu f’ din is-sitwazazjoni ta’ konfront vjolenti mall-ufficjali tal-ordni u jidher li ma

tghallem xejn mill-ewwel esperjenza tieghu quddiem il-Qrati.

Kif irriteniet din il-Qorti diversi d-drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, b' dan li mit-terminu ta' prigunerija, ghandu jitnaqqas kull zmien li fih l-appellant kien qieghed taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------